MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 73/2004

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

" Illi fix-xhur bejn Jannar 1998 u April 1998 il-konvenuta irceviet hlas eccessiv ta' mija u sebghin u disghin lira Maltija u disghin centezmu (Lm197.90) oltre ghall-paga legittimament dovuta lilha ghal dawn ix-xhur.

Illi sussegwentement l-attur intebah illi l-konvenuta kienet thallset tali ammont eccessiv.

Illi ghalhekk l-attur permezz tad-Dipartiment ghas-Servizzi Korporattivi ta' l-Ufficju tal-Prim Ministru interpella lill-konvenuta diversi drabi minn Gunju tas-sena 2000 'il quddiem sabiex tirrifondi l-ammont inkluz permezz t'ittra ufficjali tat-28 ta' Frar 2001 li giet notifikata lilha fis-6 ta' Gunju, 2002.

Illi nonostante li giet interpellata kif fuq imsemmi, il-konvenuta baqghet inadempjenti.

Tghid ghalhekk il-konvenuta Esther Bajada ghaliex dan it-Tribunal m'ghandux:

Jiddikjara li l-ammont ta' Lm197.90 huwa dovut mill-istess konvenuta;
Jordna li tali ammont jigi rifuz lill-attur bl-interessi relattivi.

Bl-ispejjez tal-prezenti u ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar 2001."

Ra r-risposta li tghid hekk:

"1) Illi t-talbiet attrici huma presktitti.
2) Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u dan stante illi l-konvenuta Esther Bajada m'ghandha taghti xejn lill-Accountant General.
3) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt"

L-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni giet michuda b'decizjoni ta' dan it-Tribunal moghtija fl-14 ta' Gunju 2005 u ghalhekk issa jonqos li jigi trattat u deciz il-mertu tat-talba attrici.

Permezz tal-avviz tat-talba, l-Accountant General qieghed jitlob ir-rifuzjoni ta' salarji li fuq perjodu ta' tlett xhur fil-bidu tas-sena 1998 bi zball thallsu fuq bazi ta' impjieg full-time ghalkemm il-konvenuta kienet impjegata fuq bazi part-time.

L-attur permezz ta' prospett précis u ddettaljat (fol 49) wera kif wasal ghall-ammont minnu pretiz. Il-konvenuta bl-ebda mod ma kkontestat il-veracita' ta' dan il-prospett.

Inghataw zewg verzjonijiet konfliggenti dwar it-talba ghar-rifuzjoni tal-ammont indebitament imhallas. Il-konvenuta tghid li kienet tavza lill-Ufficcju tal-Prim Ministru kull darba li rceviet cheque b'ammont eccessiv; ufficcjal tal-Ufficcju tal-Prim Ministru xehed li bil-maqlub kienu l-ufficcjali tal-ufficcju tal-Prim Ministru li kkuntattjaw lill-konvenuta u talbuha r-rifuzjoni.

Pero' mhux rilevanti ghas-soluzzjoni tat-tilwima liema minn dawn iz-zewg verzjonijiet hija dik it-tajba, ghax jibqa' l-fatt li kien hemm ammont imhallas indebitament li l-konvenuta kellha tirrifondi. Barra minn hekk, fl-ahhar mill-ahhar huwa cert li in segwitu tal-ittra ufficcjali lilha notifikata fis-6 ta' Gunju 2002, il-konvenuta xorta wahda baqghet ma hallsitx l-ammont lilha mhallas indebitament, kif kellha l-obbligu li taghmel.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-tieni eccezzjoni, filwaqt li jilqa' t-talba tal-attur billi jikkundanna lill-konvenuta thallsu s-somma ta' LM197.90 ammont ta' salarji lilha mhallas erronjament bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar 2001 a kariku tal-istess konvenuta. Billi fl-ittra ufficcjali msemmija ma ntalabx l-imghax (fol 21) l-imghax legali jibda jiddekorri mid-data ta' din id-decizjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------